# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**ħdax (11) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 565/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Mario Scicluna**
**(ID 193485M)**

**Vs**

**Lucienne Coleiro**
**(ID 364370M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 1 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' konvenju datat 5 ta' Mejju tas-sena 2017 quddiem in-Nutar Dottor Joseph Tabone anness u mmarkat bħala 'Dok A' l-intimata Lucienne Coleiro intrabtet u obbligat ruħha li tbiegħ u tittrasferrixxi lil esponenti appartament bla numru internament immarkat bin-numru wieħed fit-tieni sular (First Floor) li jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn My Nest fi Triq il-Paroċċa (sic) inkluż sehem indiviż pro rata tal-partijiet komuni, servizzi u amenitajiet fi blokk bini intiżi għall-użu komuni u kwart indiviż tal-arja sovrasstanti l-appartamenti bin-numru tlieta u erbgħa għal-kundizzjonijiet msemmija fl-att ta 1-akkwist altrimenti liberu u frank u dan għal prezz ta' erbgħin elf ewro (€40,000).*

2. *Illi skond l-istess konvenju il-partijiet ftehmu illi l-kuntratt finali għandu jiġi pubblikat sa mhux aktar tard mis-sitta (6) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018).*

3. *Illi għalhekk ir-rikorrenti talbu lill-intimati sabiex jersqu għal publikazzjoni tal-att finali. Illi fil-fatt l-esponenti interpellaw lill-intimata permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2098/17 hawn annessa u mmarkata bħala Dok B sabiex jersqu għall-att finali iżda l-intimata baqgħet inadampjenti u dan għall-ebda raġuni valida.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din 1-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tikkundanna lil Lucienne Coleiro sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilha minn din l-Onorabbli Qorti tidher fuq l-att finali u tittrasferixxi a favur l-attur Mario Scicluna appartament bla numru internament mmarkat bin-numru wieħed fit-tieni sular (First Floor) li jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn My Nest fi Triq il-Paroċċa inkluż sehem indiviż pro rata tal-partijiet komuni servizzi u amenitajiet fi blokk bini intiżi għall-użu komuni u kwart indiviż tal-arja sovrasstanti l-appartamenti bin-numru tlieta u erbgħa għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-att ta' l-akkwist altrimenti liberu u frank u dan kif deskritt fl-imsemmi konvenju, u għall-prezz indikat fl-istess konvenju;*

ii. *Tinnomina nutar pubbliku ossia tikkonferma lin-Nutar Dr. Joseph Tabone sabiex jippunblika u/jew jirċievi l-att tat-trasferiment appartament bla numru internament immarkat bin-numru wieħed fit-tieni sular (First Floor) li jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn My Nest fi Triq il-Paroċċa inkluż sehem indiviż pro rata tal-partijiet komuni servizzi u amenitajiet fi blokk bini intiżi għall-użu komuni u kwart indiviż tal-arja sovrasstanti l-appartamenti bin-numru tlieta u erbgħa għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-att ta' l-akkwist altrimenti liberu u frank;*

iii. *Tiffissa ġurnata, ħin u lok sabiex jiġi pubblikat l-att tat-trasferiment;*

iv. *Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċa fuq l-att finali;*

*Bl-ispejjeż kollha nklużi tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Ġunju 2017 bin-numru 2098/17 kontra l-intimata li min issa hija nġunta in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Settembru 2019, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *ILLI t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent stante li l-konvenju kien jiskadi fil-5 ta' Mejju, 2018 li kien jaħbat is-Sibt, u għalhekk l-ittra uffiċjali ppreżentata kif kienet nhar il-Ġimgħa 4 ta' Mejju, 2018 wara li kien laħaq għalaq ir-Reġistru tal-Qorti — u dan kif jirriżulta mir-rikors intavolat fl-4 ta' Mejju, 2018 (ara Dok LCD - huwa kontra l-liġi u partikolarment kontra d-disposizzjonijiet tal-artiklu 1357(2) tal-Kap. 16 u tal-artikli 109, 179 u oħrajn tal-Kap.12, u m'għandhiex titqies bħala interpellanza valida sabiex l-intimata taddivjeni għall-kuntratt finali, u għaldaqstant l-effett tal-konvenju spiċċa għall-kollox fil-konfront tal-intimata;*

2. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċedura tal-ittra uffiċjali taħt l-artiklu 1357(2) tal-Kap. 16 hija irrita u nulla ai termini tal-artiklu 179 tal-Kap.12 u konsegwentement in-nullita u l-irritwalita' tal-ittra uffiċjali tirrendi r-rikors maħluf, li għaliha qiegħda ssir din ir-risposta maħlufa, ukoll irrita u nulla;*

3. *ILLI ulterjorment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed jiġi eċċepit ukoll li l-imsemmi ftehim u konvenju huwa null u mingħajr effett fil-liġi, u għalhekk qatt ma seta' jkun vinkolanti fuq l-intimata, stante li huwa milqut b'kawża illeċita, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri;*

4. *ILLI ulterjorment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent minħabba l-irritwalita' u nullita' tar-rikors peress li dan ma jikkontjenix talba lil din l-Onorabbli Qorti għal dikjarazzjoni li l-intimata naqset milli tonora l-obbligi tagħha skont il-konvenju u ċioe' li taddivjeni għall-kuntratt finali, iżda sempliċement talba sabiex tiġi kkundannata tidher fuq l-att finali.*

5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;*

   *GĦALDAQSTANT għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jiġu trattati waqt is-smiegħ tar-rikors, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra 1-istess.*

3. Rat illi, fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi u ordnat illi jinġiebu provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimata.

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentati mill-intimata, ossija r-rikors għall-ftuħ tal-Qorti u l-Ittra Uffiċjali, lkoll datati 7 ta' Mejju 2018. (fol 35)

5. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2020 ir-rikorrenti ddikkjara illi ma kellux provi x'jippreżenta, wara liema dikjarazzjoni il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali.

6. Rat illi, fid-data stabbilita għat-trattazzjoni finali, saret it-trattazzjoni da parte tal-konsulent legali ta' l-intimat, u sussegwentement il-kawża ġiet differita għat-22 ta' April 2020 sabiex jiġu deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimata.

7. Rat illi minħabba fil-pandemija Covid-19 u l-egħluq tal-Qrati, is-sentenza ma setgħetx tingħata fid-data prefissa, u qiegħda għalhekk tingħata llum.

## Fatti

8. Jirriżulta, mill-provi dokumentarji eżebiti mir-rikorrent u mhux ikkontestati mill-intimata, illi fil-5 ta' Mejju 2017, l-intimata, Lucienne Coleiro, flimkien ma' ħutha Maria Dolores Zammit u Steve Zammit, daħlu fi ftehim sabiex ibiegħu u jassenjaw favur ir-rikorrent Mario Scicluna, "*appartament bla numru internament immarkat bin-numru wieħed fit-tieni sular (First Floor) li jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn My Nest fi Triq il-Paroċċa"*, liema appartament jinsab fil-lokalita' ta' Santa Venera, għalkemm mhux indikat fil-konvenju innifsu.

9. Jirriżuta illi l-kuntratt finali kellu jsir sa sena mill-iffirmar tal-konvenju, jiġifieri sal-5 ta' Mejju 2018.

10. Jirrizulta illi fl-4 ta' Mejju 2018, ir-rikorrenti Mario Scicluna ippreżenta Ittra Uffiċjali kontra Maria Dolores Zammit, Steve Zammit u Lucienne Coleiro, Ittra Uffiċjali Nru 1554/18.

11. Jirriżulta illi kontestwalment mal-preżentata ta' tali Ittra Uffiċjali, ir-rikorrenti ippreżenta wkoll Rikors sabiex jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti peress illi, fi kliem ir-rikorrent stess "*bħalissa r-reġistru tal-Qorti jinsab magħluq*". (fol 39)

12. Jirriżulta, di fatti, illi l-Ittra Uffiċjali kienet ġiet ippreżentata l-Gimgħa 4 ta' Mejju 2018 **wara** illi kien għalaq ir-Reġistru tal-Qorti, u jirriżulta illi eventwalment l-Ittra Uffiċjali kif ukoll ir-Rikors għall-ftuħ tal-Qorti ġew reġistrati bħala mħallsin fis-7 ta' Mejju 2018. (fol 36 u fol 39)

13. Jirriżulta illi wara illi l-intimata Lucienne Coleiro ġiet notifikata bil-kawża odjerna permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni, hija daħħlet l-eċċezzjonijet tagħha fit-12 ta' Settembru fejn, inter alia, qajjmet żewġ difiżi preliminari illi l-partijiet qablu li dina l-Qorti kellha tiddeċiedi qabel ma tikkunsidra l-meritu tal-każ.

14. Tali difiżi preliminari kienu s-segwenti:

    a. L-Ittra Uffiċjali ma kellhiex titqies bħala interpellanza valida sabiex tersaq għall-konvenju stante illi ġiet ippreżentata wara li kien għalaq ir-reġistru tal-Qorti.
    b. L-Ittra Uffiċjali ippreżentata a tenur tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap 16 kellha titqies irrita u nulla.

15. Peress illi tali linji difensjonali huma konnessi ma' xulxin, il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex issa tqis tali difiżi flimkien.

## Konsiderazzjonijet tal-Qorti

16. L-intimata, fis-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tagħha, tagħmel referenza b'approvazzjoni għall-argument tagħha, għas-sentenza '**Ian Schembri vs Sheila Caruana**' deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar 2004 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2006.

17. Ikun għalhekk opportun illi siltiet ta' tali sentenza tiġi hawn riprodotta, għall-kompletezza tas-sentenza.

18. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fid-deċiżjoni tagħha, kellha dana xi tgħid:

> *Illi l-eżitu ta' din il-kawża jiddependi fuq l-intepretazzjoni li wieħed għandu jagħti għall-preżentata tal-ittra uffiċjali a tenur tal-Artiklu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Il-partijiet jaqblu illi din l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fil-ġurnata li għalaq il-konvenju in kwistjoni iżda billi kien sar il-ħin tal-egħluq tar-reġistru l-atturi fetħu r-reġistru wara l-ħin u ippreżentawha appuntu wara l-ħinijiet legali. Il-konvenuta qed issostni li meta r-reġistru tal-Qorti għalaq fit-tlieta ta' wara nofs inhar, effettivament il-konvenju skada.*
>
> *Il-ġurisprudenza tagħna hija stranament nieqsa minn deċiżjonijiet dwar sitwazzjoni eżattament simili madankollu hemm sentenzi li jirrigwardjaw appelli li jsiru f'sitwazzjonijiet identiċi.*
>
> *Fil-kawża "**Xuereb v Degabriele**" deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1993 ġie ritenut illi;*
>
>> *"Għalhekk skond il-liġi tal-proċedura, l-aħħar ġurnata ta' kull terminu li mhuwiex korrenti ma tibqax tfisser li hija ta' erbgħa u għoxrin siegħa li jagħlqu f' nofs il-lejl imma tfisser ġurnata li tagħlaq meta jagħlaq ir-reġistru skond il-ħinijiet diversi ta' matul is-sena stabbiliti b'liġi. Fil-każ ta' terminu bi ġranet korrenti allura meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhijiex ġurnata tax-xogħol, allura t-terminu jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss u fil-ħin li jagħlaq ir-reġistru."*
>
> *Dan il-każ kien jirrigwardja appell minn deċiżjoni tal-Bord li jirregola l-Kera. Il-Qorti tal-Appell ġibdet ukoll attenzjoni għall-artiklu 104 tal-Kap. 12 li jgħid li:*
>
>> *"......iż-żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa jitqies li jagħlaq il-ġurnata ta' wara fis-siegħa stabbilita għall-egħluq tar-reġistru."*
>
> *u għall-Artiklu 179 (1) illi jgħid:*
>
>> *"L-iskritturi għandhom jiġu ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti rispettiva matul il-ħinijiet li skond ir-regolamenti ir-reġisti jinżammu miftuħa."*
>
> *Il-Qorti għalhekk ikkonkludiet illi:*

> *"Iż-żminijiet iffissati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-appell huma perentorji u għalhekk il-Qorti ma tistax tissospendihom jew iġġeddidhom u per konsegwenza għalkemm din il-Qorti ippermettiet illi jinfetaħ ir-reġistru wara l-ħin tal-egħluq, b'daqshekk ma kenitx qed iġġedded it-terminu perentorju li l-appellanti kienet iddekadiet minnu. (Ara 106, Kap 12)."*

*Illi għalhekk jidher li t-tendenza tal-Qorti hija t-termini jagħlqu dejjem fil-ħin tal-egħluq tar-reġistru. Dan hu kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Pulizija vs Anthony Caruana" deċiża fit-30 ta' April 1997 fejn intqal;*

> *"Meta l-liġi tistabilixxi terminu li fih għandu jiġi preżentat xi att, dak it-terminu jagħlaq fil-ġurnata stabbilita fil-ħin tal-egħluq tar-reġistru. Il-proċedura tal-ftuħ tar-reġistru mhix intiża biex min ikun skadielu terminu għal xi att partikolari jestendi awtomatikament dak it-terminu b'terminu ieħor imma hija intiża biss biex f'każijiet ta' urġenza li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti tali azzjoni tkun tista' tittieħed."*

*Illi għalhekk għalkemm wieħed japprezza illi għandu jkun hemm distinzjoni bejn terminu għal appell u terminu għal preżentata ta' ittra uffiċjali skond l-artiklu 1357 fuq imsemmi, in linea di massima jidher li l-Qrati tagħna tendew għall-interpretazzjoni imsemmija u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha taqbel magħha.*

19. Il-Qorti tal-Appell, sussegwentement, fid-deċiżjoni tagħha, li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim' Awla, kellha dan xi tgħid:

*Il-liġi tagħna, fl-Artikoli 101, 102, 105, 106 u 108 tal-Kap. 12, tiddistingwi b'mod ġenerali bejn żmien ossia terminu legali u żmien ġudizzjarju. Iż-żmien legali huwa dak stabbilit bil-liġi; iż-żmien ġudizzjarju huwa dak determinat mill-Qorti. Issa, l-Artikolu 1357(2) tal-Kap 16 jipprovdi li konvenju "jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għalhekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tlett xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir" kemm il-darba l-aċċettant, permezz ta' att ġudizzjarju ppreżentat "qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli" ma jsejjaħx lill-parti l-oħra sabiex taddivjeni għall-kuntratt ta' bejgħ. Ċertament din id-disposizzjoni ma tirreferi għal ebda terminu ġudizzjarju. Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, it-termini hawn imsemmija – sia dak ta' tlett xhur, sia dak konkordat bejn il-partijiet – huma termini legali: dak ta' tlett xhur stabbilit b'disposizzjoni espressa tal-liġi, dak talvolta konkordat peress li dak li validament jiftehmu l-partijiet bejniethom jammonta għal liġi bejn l-istess partijiet.*

*Stabbilit dan, isegwi li japplikaw, għat-termini miftehma bejn il-partijiet f'konvenju, id-disposizzjonijiet talvolta applikabbli tal-Artikoli 102 et seq. tal-Kap. 12 in kwantu jirreferu għat-termini jew żmien legali, bħalma huma t-termini għall-preżentata ta' rikors ta' appell (jew atti oħra li għalihom hemm stabbilit terminu), u kif dawn it-termini ġew interpretati fil-ġurisprudenza, inklużi ż-żewġ sentenzi ċitati fis-sentenza appellata. Issa, huwa veru, kif josservaw l-appellanti, li l-Artikolu 179, imsemmi fis-sentenza appellata (u li jitkellem proprjament dwar "written pleadings" u mhux "judicial acts", jekk wieħed jara t-test Ingliż tal-liġi), ma jitkellimx espressament dwar meta jiskadi jew jitqies li jiskadi terminu, legali jew ġudizzjarju, iżda jitkellem proprjament dwar meta għandhom jiġu preżentati l-iskritturi – dawn għandhom jiġu preżentati fir-reġistru fil-ħinjiet li r-reġistru jkun miftuħ. Bl-istess mod, is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 12, sia kif inhu llum u sia kif kien qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXI tal-2002, ma jitkellimx espressament dwar skadenza ta' terminu; anzi jipprovdi, fil-proviso tiegħu, li reġistru jista' "b'ordni speċjali tal-Qorti jew b'ordni bil-miktub mogħti mir-reġistratur" jinfetaħ*

*għall-preżentata ta' att ġudizzjarju f'kull ġurnata u f'kull ħin. Pero` l-interpretazzjoni li dejjem ingħatat għall-komputazzjoni tat-termini skond l-Artikoli 102 et seq. tal-Kap. 12, u speċjalment għall-iskadenza ta' tali termini, kjarament għandha tapplika wkoll għat-termini ta' konvenju. F'dan il-każ il-partijiet stipulaw li "This agreement shall remain operative for a period of six weeks from to-day" (ara fol. 7), u dan skond il-ftehim iffirmat fit-18 ta' Ottubru 2002. Il-konvenju kien għalhekk jiskadi fid-29 ta' Novembru 2002 fil-ħin tal-għeluq tar-reġistru, u dan anke jekk il-konvenuta setgħet tat x'tifhem lill-atturi li hija kienet sejra tiltaqa' magħhom aktar tard filgħaxija ta' dak il-jum tad-29 ta' Novembru biex tiffirma l-kuntratt. Għall-istess konklużjoni eżatt tasal din il-Qorti anke b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1070 et seq. tal-Kap. 16 dwar l-obbligazzjonijiet bi żmien. Trattandosi hawnhekk tal-effett tal-preżentata ta' att ġudizzjarju għall-eżegwibilita` tal-wegħda, dawn id-disposizzjonijiet neċessarjament għandhom jiġu nterpretati fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali dwar iż-żminijiet legali aktar 'il fuq imsemmija f'din is-sentenza. Fil-każ in diżamina, l-atturi messhom ma ħallewx għall-aħħar u messhom ħadu l-prekawzjonijiet billi ppreżentaw l-ittra uffiċjali fi żmien utili. S'intendi, wieħed jista' jikkontempla sitwazzjoni fejn il-partijiet jiftehmu li konvenju jiskadi fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar ta' ġurnata partikolari jew f'nofs il-lejl – jiġifieri f'ħin kjarament wara l-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru (għall-anqas kif inhuma l-ħinijiet illum) – jew addirittura f'jum partikolari meta r-reġistru jkun magħluq. Pero` sitwazzjoni simili ma tinsabx għad-deċiżjoni quddiem din il-Qorti, li għandha tillimita ruħha biex tiddetermina l-vertenza li għandha quddiemha u mhux tippronunzja ruħha fuq sitwazzjonijiet ipotetiċi.*

20. Jirriżulta, għalhekk, illi abbażi tat-tagħlim kif fuq spjegat, l-Ittra Uffiċjali trid tiġi ppreżentata entro il-ħin tal-egħluq tar-Reġistru ta' l-aħħar ġurnata li fiha l-interpellanza ġudizzjarja kellha issir – fil-każ odjern, ossija sal-5 ta' Mejju 2018, li kien jaħbat is-Sibt, u għalhekk ir-reġistru tal-Qorti ikun magħluq.

21. Jirriżulta, mill-provi odjerni, illi l-Ittra Uffiċjali ġiet attwalment ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2018.

22. Jirriżulta, madanakollu, illi l-Ittra Uffiċjali giet ippreżentata wara il-ħinijiet legali tar-Reġistru, u dana wara illi l-Qorti laqgħet it-talba sabiex jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti għal preżentata ta' tali Ittra Uffiċjali.

23. Jirriżulta wkoll illi sussegwentement, kemm il-ħlas kif ukoll ir-reġistrazzjoni tal-Ittra Uffiċjali ġie reġistrat fl-ewwel ġurnata meta nfetaħ ir-Reġistru, ossija fis-7 ta' Mejju 2018.

24. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla fl-ismijet "**Joseph Cassar nomine vs Miriam Cavallo**, deċiża fit-2 ta' April 2004, fejn qalet is-segwenti:-

*"Għar-riżoluzzjoni ta' dan il-kweżit kollox jaġġira mar-risposta għall-kwestjoni ċentrali jekk l-interpellazzjoni li saret mill-attur nomine, u fiż-żmien li fih saret, servietx biex żammet in vigore il-wegħda tal-bejgħ. Is-soluzzjoni ta' din il-vexata quaestio tiddependi mill-konsiderazzjoni li jrid jingħata lill-Artikolu 1076(1) tal-Kodiċi Ċivili dwar l-obbligazzjonijiet bi żmien;*

*Din id-disposizzjoni espressament tipprovdi fil-provisio tagħha illi "jekk l-aħħar jum taż-żmien ikun ta' vakanza pubblika, iż-żmien ma jitqiesx magħluq qabel ma jgħaddi l-ewwel jum ta' wara li ma jkunx vakanza pubblika". X'inhuma ġranet ta' vakanza pubblika jinsab determinat fl-Artikolu 109 tal-Kapitolu 12 għal liema nsibu referenza speċifika fis-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 1076 tal-Kapitolu 16. Jiġifieri dawk il-ġranet li fihom ma tista' tinżamm ebda seduta ordinarja tal-qorti;*

*Kif inhu magħruf it-termini proċedurali huma jew legali ossija ġudizzjarji, għax imposti mil-liġi jew ġudizzjali, għax imposti mill-Qorti. Meta ma humiex perentorji ż-żminijiet legali jistgħu jiġu mġedda kif dispost fl-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12; fil-każ ta' termini ġudizzjali li ma jkunux perentorji dawn jistgħu jiġu prorogati basta li t-talba ssir qabel ma jiskadi t-terminu (Kollez. Vol. XXXIII P I p 321 );*

*Issa l-Artikolu 109 tal-Kapitolu 12 irid jinqara unitament ma' l-Artikolu 108 ta' l-istess Kapitolu li jippreskrivi wkoll illi "jekk l-aħħar jum ta' xi terminu legali jew ġudizzjarju jkun xi jum minn dawk ('is-Sibt jew ġranet ta' vakanzi pubbliċi'), it-terminu għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem." Li jfisser illi meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhix ġurnata tax-xogħol allura t-terminu jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss u fil-ħin li jagħlaq ir-Reġistru (" A I C Joseph Xuereb nomine - vs - Dolores Degabriele ", Appell Ċivili, 14 ta' Mejju 1993);*

*Huwa desumibbli minn dawn il-konsiderazzjonijiet illi applikati għal każ de quo l-ittra uffiċjali ġiet intavolata sew fit-terminu espressament konvenut bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tan-normi tad-dritt sostantiv u proċedurali appena aċċennati".*

25. Jirriżulta, għalhekk, illi la darba t-terminu biex jippreżenta l-Ittra Uffiċjali a tenur tal-Artikolu 1357 (2) tal-Kap 16 kien jiskadi fil-5 ta' Mejju 2018, u la darba tali ġurnata ma kenitx ġurnata xogħol għar-Reġistru tal-Qorti, stante illi kien jaħbat is-Sibt, it-terminu biex tiġi ppreżentata l-Ittra kien jiskadi fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' wara, ossija fis-7 ta' Mejju 2018.

26. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Ittra Uffiċjali kienet attwalment ippreżentata entro t-terminu stabbilit mill-Liġi.

27. Il-Qorti tosserva wkoll illi, la darba l-Qorti laqgħet it-talba għall-ftuħ tal-Qorti biex jiġi ppreżentat, għall-kull fini tal-Liġi l-att ippreżentat għandu jitqies att validament ippreżentat, għalkemm kieku l-konvenju kien ser jiskadi fl-4 ta' Mejju 2018, u mhux fil-5 ta' Mejju 2018 bħal fil-każ odjern, l-effikażja ta' tali Ittra inkwantu tirrigwarda l-Artikolu 1357 (2) kienet tkun nulla, in vista tat-tagħlim kif fuq spjegat.

28. Fil-każ odjern, l-konvenju kien jiskadi fil-5 ta' Mejju 2018 u, ladarba dan kien jaħbat is-Sibt, il-ġurnata li tmiss għall-ftuħ tal-Qorti kien is-7 ta' Mejju 2018, u la darba l-Ittra Uffiċjali giet ippreżentata qabel l-egħluq tar-reġistru fis-7 ta' Mejju 2018, attwalment ġranet qabel, għalhekk, għall-effetti tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap 16, l-Ittra Uffiċjali għandha titqies bħala waħda valida fil-Liġi.

29. Għalhekk, l-ewwel żewġ eċċezzjonijet ta' l-intimata ma jistgħux jitqiesu favorevolment.

## Konklużjoni

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' l-intimata u,

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif fuq spjegat,

Tgħaddi biex;

**Tiċħad** l-ewwel u tieni eċċezzjoni ta' l-intimata.

Tirriserva illi tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

Tordna illi r-rikorrenti jipproċedi bil-preżentata tal-provi tiegħu fis-seduta li jmiss.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**